31993R2225

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) nru 2225/93
tas-27 ta' Lulju 1993
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2719/92 dwar id-dokument amministrattiv mehmuż għall-moviment taħt arranġamenti ta' sospensjoni ta' taxxa ta' prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għal taxxa tas-sisa u dwar iż-żamma, il-moviment u il-monitoraġġ ta' prodotti bħal dawn [1], kif emendata mid-Direttiva 92/108/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 15(5) u 18 (1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Taxxi tas-Sisa,

Billi l-Artikolu 15(5) tad-Direttiva 92/12/KEE jipprovdi li min ikun awtorizzat iżomm il-maħżen ta' dispaċċ jew l-aġent tiegħu jista', matul il-ġarr tal-prodotti, jagħżel post alternattiv tal-kunsinna mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali mill-awtorità kompetenti rilevanti; billi dan għandu jiġi kkunsidrat fir-rigward tal-forma tad-dokument mehmuż u n-noti ta' spjega tiegħu;

Billi l-fatt illi l-Istati Membri kollha issa joħorġu numri tas-sisa lil min ikun awtorizzat iżommu l-imħażen tagħhom u lin-negozjanti rreġistrati tagħhom, jeħtieġ l-indikazzjoni obbligatorja tan-numru tas-sisa fid-dokument mehmuż; billi, b'konsegwenza ta' dan, bl-eċċezzjoni ta' negozjanti mhux irreġistrati, mhemmx iżjed bżonn li jiġi indikat in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT kemm għall-fornitur kif ukoll għad-destinatarju fid-dokument mehmuż;

Billi hemm il-bżonn li tiġi simplifikata u faċilitata l-proċedura fir-rigward ta' dawk id-dokumenti mehmużin li ġew imfassla minn sistema awtomatika jew elettronika ta' pproċessar ta' *data*; billi l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jippermettu lill-fornitur, taħt ċerti kondizzjonijiet, biex jiddistribwixxi mingħajr il-firma fuq dokumenti;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2719/92 [3] għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2719/92 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

Id-dokument muri fl-Anness għandu jintuża bħala d-dokument amministrattiv li jakkompanja l-moviment taħt arranġamenti ta' sospensjoni tat-taxxa ta' prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa fi ħdan it-tifsir ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/12/KEE. L-istruzzjonijiet li jikkonċernaw il-mili tad-dokument u l-proċeduri għall-użu tiegħu huma murija fuq in-naħat ta' wara ta' l-1 kopja ta' dan id-dokument."

2. Il-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 2(2):

"Id-dokument għandu jiġi mmarkat b'mod ċar bl-indikazzjoni li ġejja:'Id-dokument kummerċjali mehmuż għall-moviment ta' prodotti soġġetti għal taxxa tas-sisa taħt sospensjoni ta' taxxa.'"

3. L-Artikolu 2a li ġej huwa mdaħħal:

"L-Artikolu 2a

1. F'każijiet fejn id-dokument mehmuż huwa mfassal minn sistema elettronika jew awtomatika ta' pprożessar ta' *data*, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lill-forniturи sabiex ma jiffirmawx id-dokument iżda sabiex jissostitwixxu l-firma b'timbru speċjali li jidher fl-Anness II. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-fornitur għandu jkun wieġħed bil-miktub minn qabel lil dawk l-awtoritajiet li huwa għandu jkun soġġett għar-riskji kollha inerenti fil-movimenti ta' ġewwa l-Komunità ta' prodotti soġġetti għal taxxa tas-sisa taħt arranġamenti ta' sospensjoni ta' taxxa li jinvolvu l-kunsinni li jivvjaġġaw taħt kopertura ta' dokument mehmuż li jkollu timbru speċjali bħal dan.

2. Dokumenti mehmużin imfasslin skond il-paragrafu 1 għandu jkun fihom f'dik il-parti tal-Kaxxa 24 li hija riżervata għall-firma tal-fornitur, waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

— Dispensa de firma

— Fritaget for underskrift

— Freistellung von der Unterschriftsleistung

— Δεν απαιτείται υπογραφή

— *Signature waived*

— Dispense de signature

— Dispensa dalla firma

— Van ondertekening vrijgesteld

— Dispensa de assinatura.

[1] ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1.
[2] ĠU L 390, tal-31.12.1992, p. 124.
[3] ĠU L 276, tad-19.9.1992, p. 1.

3. It-timbru speċjali li hemm riferenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jitpoġġa fir-rokna ta' fuq tal-lemin tal-Kaxxa A tad-dokument amministrattiv mehmuż jew, viżibilment ċar, fil-Kaxxa korrispondenti ta' dokument kummerċjali. Il-fornitur jista' wkoll ikun awtorizzat li joħroġ minn qabel it-timbru speċjali."

4. L-Anness huwa mibdul mill-Annessi I u II hawn.

L-Artikolu 2

Il-ħażniet eżistenti tal-formola li għandha tiġi sostitwita mill-formola l-ġdida ta' l-Anness I jistgħu jintużaw sakemm jiġuu kkunsumati kollha.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-27 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

"L-ANNESS

KOMUNITÀ EWROPEA
PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAT-TAXXA TAS-SISA **DOKUMENT ADMINISTRATTIV MEHMUŻ**

1

Kopja tal-Fornitur

1 Fornitur ☐		**2** Nru tat-taxxa tal-fornitur	**3** Nru ta' referenza
		4 Nru tat-taxxa tad-destinatarju	**5** Nru tal-fattura
		6 Data tal-fattura	
7 Destinatarju **7a** Post tal-kunsinna		**8** Awtorità kompatenti tad-dispaċċ	
		10 Garanzija	
9 Trasportatur			
		12 Il-pajjiż ta' dispaċċ	**13** Pajjiż ta' destinazzjoni
11 Dettalji oħra tat-trasport		**14** Rappreżentant tat-taxxa	
1 **15** Post ta' dispaċċ	**16** Data ta' tad-dispaċċ	**17** Ħin tal-vjaġġ	

18a Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġett		**19a** Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)	
		20a Kwantità	**21a** Piż gross (kg)
			22a Piż nett (kg)
18b Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti		**19b** Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)	
		20b Kwantità	**21b** Piż gross (kg)
			22b Piż nett (kg)
18c Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti		**19c** Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)	
		20c Kwantità	**21c** Piż gross (kg)
			22c Piż nett (kg)

23 Ċertifikati (ċerti imbejjed u spirti, birreriji żgħar u distilleriji żgħar)

A Rekord ta' kontroll. Għall-użu ta' l-awtorità kompetenti	**24** Kaxxex 1-22 iċċertifikati korretti
	Il-kumpanija tal-firmatarju u n-Nru tat-telefon
	Isem tal-firmatarju
	Post u Data
	Firma
kompli fuq wara (kopji 2, 3 u 4)	

NOTI TA' SPJEGA

Reserve of copy 1

1. Ġenerali

1.1. Id-Dokument Administrattiv mehmuż huwa bżonnjuż għal skopijiet ta' taxxa tas-sisa bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 18 u 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992.

1.2. Id-dokument għandu jiġi mimli b'mod li jinqara u li ma jithassarx. L-informazzjoni għandha tiġi stampata minn qabel. Ma jistax isir tħassir jew kitba fuq oħra.

1.3. L-ispeċifikazzjoni ġenerali tal-karta li għandha tiġi wżata u d-dimensjonijiet tal-kaxxi huma kif imniżżla fil-Ġurnali Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej Nru C 164/3 nhar l-1.7.89.

Il-karta trid tkun bajda għall-kopji kollha, b'daqs ta' 210 mm b'297 mm b'tolleranza massima ta' 5 millimetri inqas jew 8 mm iktar fir-rigward it-tul tagħhom.

1.4. Għandhom isiru linji f'kull spazju mhux użat f'Kaxxex 18a sa 22ċ ħalli xejn ma jkun jista' jiġi miżjud. Jistgħu jiġu mdaħħla tliet deskrizzjonijiet separati ta' merkanzija li għandhom ikunu ta' l-istess kategorija ta' taxxa. Il-kategoriji huma żjut minerali, prodotti tat-tabakk u xorb ta' l-alkoħol.

1.5. Id-dokument mehmuż huwa magħmul minn erba' kopji:

kopja 1. li għandha tinżamm mill-fornitur.

kopja 2. li għandha tinżamm mid-destinatarju.

kopja 3. li għandha tiġi ritornata mill-fornitur biex iwaqqaf il-moviment tiegħu, jekk hemm bżonn, iċ-ċertifikat jew l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità fiskali ta' l-Istati Membri ta' destinazzjoni.

kopja 4. li għandha tkun magħmula disponibbli lill-awtorità kompetenti fl-Istati Membri ta' destinazzjoni mill-fornitur.

L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' dispaċċ tista' teħtieġ li tiġi pprovduta b'kopja addizzjonali tad-dokument.

1.6. Il-kopji 2, 3, u 4 għandhom ikunu mehmużin ma' l-oġġetti waqt il-moviment.

1.7. F'każijiet fejn dan id-dokument huwa utilizzat għall-movimenti b'pajpijiet fissi, għandhom jintbagħtu il-kopji 2, 3, u 4 lid-destinatarju bl-iktar mezzi veloċi disponibbli lill-kap tal-maħżen tad-dwana tad-dispaċċ. Fil-każijiet kollha id-dokument għandu jasal fil-post tal-kunsinna fi żmien 24 siegħa mir-riċeviment ta' l-oġġetti ma' liema jkollu x'jaqsam.

2. Intestaturi

Kaxxa 1. Fornitur: isem sħiħ u indirizz

Kaxxa 2. In-numru tat-taxxa tal-fornitur: għandu jiddaħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa mogħti lill-fornitur mill-awtorità fiskali tiegħu.

Kaxxa 3. Numru ta' referenza: in-numru ta' referenza li jidentifika l-kunsinna fir-rekords tal-fornitur (bħala eżempju, għall-dan l-iskop, jista' jintuża n-numru tal-fattura).

Kaxxa 4. In-numru tat-taxxa tad-destinatarju: fil-każ ta' kap tal-maħżen tad-dwana awtorizzat jew ta' negozjant irreġistrat, għandu jiddaħħal in-numru tat-taxxa ta' reġistrazzjoni. Fil-każ li dak ta' negozjant mhux irreġistrat, għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni tal-kunsinna mogħti lilu mill-awtorità fiskali.

Kaxxa 5. In-numru tal-fattura: in-numru tal-fattura li għandha x'taqsam ma' l-oġġetti. Jekk il-fattura ma kenitx ġiet allokata, għandu jingħata n-numru tan-nota tat-tqassim jew dokument ieħor ta' trasport.

Kaxxa 6. Id-data tal-fattura: id-data tad-dokument murija f'Kaxxa 5.

Kaxxa 7. Destinatarju: l-isem sħiħ, indirizz u fil-każ fejn id-destinatarju ikun negozjant mhux irreġistrat, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT. Għal oġġetti li għandhom jiġu esportati, għandha tiġi mogħtija l-persuna li tkun qegħda taġixxi f'isem il-fornitur fil-post ta' l-esportazzjoni jew ta' l-imbarkazzjoni.

Kaxxa 7a. Post tal-kunsinna: il-post attwali tal-kunsinna jekk l-oġġetti m'għandhomx jiġu mibgħuta fl-indirizz indikat f'Kaxxa 7. Għall-oġġetti li għandhom jiġu esportati għandha tinkiteb in-notazzjoni, "ESPORTAZZJONI BARRA L-KOMUNITÀ" flimkien mal-post ta' l-esportazzjoni. Għall-oġġetti li sussegwentament għandhom jitpoġġew taħt proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr għal rilaxx f'ċirkolazzjoni libera) għandha tinkiteb in-notazzjoni "TAĦT IL-PROĊEDURA TAD-DWANA" flimkien mal-post fejn l-oġġetti jidħlu fil-kontroll tad-dwana.

Kaxxa 8. Awtorità kompetenti tad-dispaċċ: l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kompetenti responsabbli għall-kontroll tat-taxxa fil-post tad-dispaċċ.

Kaxxa 9. Traportatur: l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kompetenti responsabbli mill-arranġament għall-ewwel moviment, jekk differenti mill-fornitur.

Kaxxa 10. Garanzija: identifika l-parti jew partijiet responsabbli għall-arranġament tal-garanzija. "Fornitur", "trasportatur" u "destinatarju" biss għandhom jiġu mdaħħla kif xieraq.

Kaxxa 11. Dettalji oħra tat-trasport: kull informazzjoni miżjuda eż isem ta' kwalunkwe trasportatur, mezz ta' trasport, numru ta' reġistrazzjoni tal-mezz ta' trasport, u n-numru, t-tip u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe siġilli kummerċjali.

Kaxxa 12. Pajjiż ta' dispaċċ: l-Istat Membru minn fejn jibda l-moviment, għandha tintuża abbrevjazzjoni:

BE	Il-Belġju	IT	L-Italja
DE	Il-Ġermanja	LU	Il-Luxemburgu
DK	Id-Danimarka	PT	Il-Portugall
EL	Il-Greċja	ES	Spanja
FR	Franza	NL	L-Olanda
IE	L-Irlanda	GB	L-Ingilterra

Kaxxa 13. Pajjiż ta' destinazzjoni: l-Istat Membru finali tal-moviment. Għandhom jintużaw abbrevjazzjonijiet, kif applikati f'Kaxxa 12.

Kaxxa 14. Rappreżentant tat-taxxa: jekk il-fornitur ħatar rappreżentant tat-taxxa fid-destinazzjoni ta' l-Istati Membri, ismu, l-indirizz tiegħu, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u dak tat-taxxa (jekk ikun addattat) għandhom jiddaħħlu f'din il-Kaxxa.

Kaxxa 15. Post tad-dispaċċ: in-numru ta' l-awtorizzazzjoni (jekk xieraq) tal-maħżen tad-dwana.

Kaxxa 16. Data tad-dispaċċ: id-data, u jekk hekk meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti fit-tluq, il-ħin ta' meta l-oġġetti jitilqu l-maħżen tad-dwana tal-fornitur.

Kaxxa 17. Ħin tal-vjaġġ: il-perjodu normali ta' ħin meħtieġ għall-vjaġġ jekk tikkonsidra il-mezzi ta' trasport u d-distanza involuta.

Kaxxa 18a. Pakketti, u deskrizzjoni ta' l-oġġetti: il-marki u n-numri ta' pakketti minn barra, eż. kontejners, in-numru ta' pakketti interni, eż. kartun u d-deskrizzjoni kummerċjali ta' l-oġġetti.

Id-deskrizzjoni tista' titkompla fuq folja separata mehmuża ma' kull kopja. Tista' tintuża lista ta' l-ippakkjar għal dan l-iskop.

Alkoħol u xorb ta' l-alkoħol mhux birra għandu jkollu s-saħħa alkoħolika murija (persentaġġ bil-volum f'20° C).

Il-birra trid tintwera bħala jew gradi Plato jew persentaġġ ta' alkoħol bil-volum f'20° C, jew it-tnejn, bi qbil mal-bżonn ta l-Istati Membri tad-destinazzjoni u l-Istati Membri tat-tluq. Iż-żjut minerali għandhom juru d-densità f'15° C.

Kaxxa 19a. Kodiċi ta' l-oġġett: il-kodiċi NM.

Kaxxa 20a. Kwantità:

– in-numru ta'oġġetti, imfisser f'eluf, (sigaretti),

– it-toqol net (sigarri u sigarretti),

– litri tal-prodott f'20° C f'żewġ postijiet deċimi (l-alkoħol u xorb alkoħoliku),

– litri f'15° C (żejt minerali minbarra żejt tqil karburat).

Kaxxa 21a. Il-piż gross: il-piż gross tal-kunsinna.

Kaxxa 22a. Il-piż nett: għandu jiġi mogħti l-piż ta' prodotti bit-taxxa minghajr ippakkjar fir-rigward ta' l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, żjut minerali, u l-prodotti kollha tat-tabakk minbarra s-sigarretti.

Għandhom jintużaw Kaxxex 18b sa 22b u 18ċ sa 22ċ meta l-kunsinna jkun fiha oġġetti ta' deskrizzjoni differenti minn dik ta' kaxxi 18a sa 22a.

Kaxxa 23. Ċertifikati: dan l-ispazju huwa riservat għal ċerti ċertifikati li huma bżonnjużi fuq Kopja 2 biss.

1. Fil-każ ta' ċerti mbejjed, fejn ikun hemm bżonn, għandha tiġi indikata ċ-ċertifikazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-oriġini u l-kwalità tal-prodotti trid, bi qbil mal-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità.
2. Fil-każ ta' ċertu xorb alkoħoliku, għandha tiġi indikata ċ-ċertifikazzjoni li għandha x'taqsam mal-post ta' produzzjoni li hija bżonnjuża taħt il-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità.
3. Birra magħmula minn birreriji żgħar indipendenti, kif definita fid-direttiva speċifika tal-Kunsill dwar l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u xorb alkoħoliku, li għaliha hemm il-ħsieb li tiġi mitluba rata tat-taxxa tas-sisa mnaqqsa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, għandha tiġi ċċertifikata mill-fornitur fit-termini li ġejjin:

   "B'dan il-mezz, huwa ċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn intrapriża żgħira li s-sena li għaddiet ipproduċiet ..... hectolitri ta' birra."

4. Ethyl alkoħol prodott minn distillerija żgħira, kif definit fid-direttiva speċifika tal-kunsill li għandha x'taqsam ma' l-istrutturi tat-taxxa tas-sisa dwar l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, li għalih hemm il-ħsieb li tiġi mitluba rata mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa fl-Istat Membru ta' destinazzjoni, għandu jiġi ċċertifikat mill-fornitur fit-termini li ġejjin:

   "B'dan il-mezz, huwa ċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn intrapriża żgħira li s-sena li għaddiet ipproduċiet ..... hectolitri ta' alkoħol pur."

Kaxxa 24. Il-kumpanija tal-firmatarju, eċċ: id-dokument għandu jiġi mimli minn jew f'isem il-fornitur. Il-kumpanija tal-firmatarju tad-dokument għandha tiġi identifikata. Id-dokument għandu jiġi ffirmat sakemm il-fornitur ma jkunx ġiex awtorizzat li japplika timbru speċjali minflok il-firma. F'dan il-każ, għandu jiddaħħal il-kliem "FIRMA RINUNZJATA".

Kaxxa A. Rekord ta kontroll: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrekordjaw il-kontrolli applikati fuq il-kopji 2, 3 u 4. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazju fuq il-faċċata tad-dokument, ir-rekord tista' titkompla fuq wara. Il-kummenti kollha għandhom jiġu ffirmati, bid-data u l-bolla mill-uffiċjal responsabbli.
Meta l-oġġetti jidħlu taħt il-kustodja tad-dwana, il-kontrolli applikati għandhom jiġu rrekordjat mill-uffiċjal responsabbli. It-timbru speċjali li għandu jintuża meta tiġi awtorizzata r-rinunzja ta' firma għandu jiġi applikat ukoll fil-kantuniera tal-lemin ta' fuq ta' Kaxxa A.

Kaxxa Ċ Ċertifikazzjoni tar-riċeviment: li għandha tingħata mid-destinatarju. F'każijiet fejn hemm kontroll fiskali tar-riċeviment ta' l-oġġetti f'maħżen, jew fejn l-oġġetti jiġu esportati jew impoġġija taħt proċedura tad-dwana tal-Komunità, (għajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera), hemm bżonn ta' ċertifikat mill-awtorità fiskali jew mill-uffiċju tad-dwana, kif addattat. Huwa rakkommandat li r-riċeviment ta' l-oġġetti jiġi ċċertifikat ukoll fuq wara ta' kopja 2 li għandha tinżamm mid-destinatarju. Għalhkk f'każ li eventwalment tintilef kopj 3 fuq triqtha lura għand il-fornitur, it-talba tal-fornitu biex jitkompla l-moviment tista' tiġi magħmula faċilment billi tintbaghat kopja taċ-ċertifikat fuq kopja 2.

KOMUNITÀ EWROPEA
PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAT-TAXXA TAS-SISA **DOKUMENT ADMINISTRATTIV MEHMUŻ**

2

Kopja tad-destinatarju

1 Fornitur ☐

2 Nru tat-taxxa tal-fornitur

3 Nru ta' referenza

4 Nru tat-taxxa tad-destinatarju

5 Nru tal-fattura

6 Data tal-fattura

7 Destinatarju

7a Post tal-kunsinna

8 Awtorità kompatenti tad-dispaċċ

9 Trasportatur

10 Garanzija

11 Dettalji oħra tat-trasport

12 Il-pajjiż ta' dispaċċ

13 Il-pajjiż ta' destinazzjoni

14 Rappreżentant tat-taxxa

2

15 Post ta' dispaċċ

16 Data ta' tad-dispaċċ

17 Ħin tal-vjaġġ

18a Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19a Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20a Kwantità

21a Piż gross (kg)

22a Piż nett (kg)

18b Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19b Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20b Kwantità

21b Piż gross (kg)

22b Piż nett (kg)

18c Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19c Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20c Kwantità

21c Piż gross (kg)

22c Piż nett (kg)

23 Ċertifikati (ċerti imbejjed u spirti, birreriji żgħar u distilleriji żgħar)

A Rekord ta' kontroll. Għall-użu ta' l-awtorità kompetenti

Kompli fuq wara (kopji 2, 3 u 4)

24 Kaxxex 1-22 iċċertifikati korretti

Il-kumpanija tal-firmatarju u n-Nru tat-telefon

Isem tal-firmatarju

Post u Data

Firma

B BIDLA FIL-POST TAL-KUNSINNA

Indirizz ġdid:

L-awtoritajiet imsemmija f'Kaxxa 8 għandhom jiġu informati immedjatament

Isem tal-firmatarju: Firma

Post u data:

C ĊERTIFIKAZZJONI TA' RIĊEVIMENT JEW ESPORTAZZJONI

☐ Oġġetti riċevuti mid-destinatarju

Data ..... Post ..... Nru ta' Referenza .....

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Eċċess	Nuqqas

☐ Kunsinna kkontrollata

☐ Oġġetti esportati (*)/impoġġija taħt proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr għal rilaxx f'ċirkolazzjoni libera) (*) data .....

Mezz ta' trasport .....

☐ Isem tal-firmatarju .....

Kumpanija tal-firmatarju

Post/data .....

Firma

☐ Awtorità Fiskali jew Uffiċju tad-Dwana

Isem

Indirizz

Awtorizzazzjoni mill-awtorità fiskali (jekk meħtieġa) jew mill-uffiċju tad-dwana

(*) it-tħassir mhux applikabbli

A Rekord ta' kontroll (kontinwazzjoni)

KOMUNITÀ EWROPEA
PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAT-TAXXA TAS-SISA **DOKUMENT ADMINISTRATTIV MEHMUŻ**

3

Kopja li għandha tiġi rritornata lill-Fornitur

1 Fornitur ☐

2 Nru tat-taxxa tal-fornitur | **3** Nru ta' referenza

4 Nru tat-taxxa tad-destinatarju | **5** Nru tal-fattura

6 Data tal-fattura

7 Destinatarju

7a Post tal-kunsinna

8 Awtorità kompatenti tad-dispaċċ

9 Trasportatur

10 Garanzija

12 Il-pajjiż ta' dispaċċ | **13** Il-pajjiż ta' destinazzjoni

11 Dettalji oħra tat-trasport

14 Rappreżentant tat-taxxa

3

15 Post ta' dispaċċ | **16** Data ta' tad-dispaċċ

17 Ħin tal-vjaġġ

18a Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19a Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20a Kwantità | **21a** Piż gross (kg) | **22a** Piż nett (kg)

18b Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19b Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20b Kwantità | **21b** Piż gross (kg) | **22b** Piż nett (kg)

18c Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19c Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20c Kwantità | **21c** Piż gross (kg) | **22c** Piż nett (kg)

23 Ċertifikati (ċerti imbejjed u spirti, birreriji żgħar u distilleriji żgħar)

A Rekord ta' kontroll. Għall-użu ta' l-awtorità kompetenti

kompli fuq wara (kopji 2, 3 u 4)

24 Kaxxex 1-22 iċċertifikati korretti

Il-kumpanija tal-firmatarju u n-Nru tat-telefon

Isem tal-firmatarju

Post u Data

Firma

B BIDLA FIL-POST TAL-KUNSINNA

Indirizz ġdid:

L-awtoritajiet imsemmija f'Kaxxa 8 għandhom jiġu informati immedjatament

Isem tal-firmatarju: Firma

Post u data:

C ĊERTIFIKAZZJONI TA' RIĊEVIMENT JEW ESPORTAZZJONI

☐ Oġġetti riċevuti mid-destinatarju

Data ..... Post ..... Nru ta' referenza .....

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Eċċess	Nuqqas

☐ Kunsinna kkontrollata

☐ Oġġetti esportati (*)/impoġġija taħt proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr għal rilaxx f'ċirkolazzjoni libera) (*) data .....

Mezz ta' trasport .....

☐ Isem tal-firmatarju ..... Post/data .....

Kumpanija tal-firmatarju ..... Firma

☐ Awtorità Fiskali jew Uffiċju tad-Dwana

Isem

Indirizz

Awtorizzazzjoni mill-awtorità fiskali (jekk meħtieġa) jew mill-uffiċju tad-dwana

(*) it-tħassir mhux applikabbli

A Rekord ta' kontroll (kontinwazzjoni)

KOMUNITÀ EWROPEA
PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAT-TAXXA TAS-SISA **DOKUMENT ADMINISTRATTIV MEHMUŻ**

4

Kopja għall-pajjiż ta' destinazzjoni

1 Fornitur ☐

2 Nru tat-taxxa tal-fornitur

3 Nru ta' referenza

4 Nru tat-taxxa tad-destinatarju

5 Nru tal-fattura

6 Data tal-fattura

7 Destinatarju

7a Post tal-kunsinna

8 Awtorità kompetenti tad-dispaċċ

10 Garanzija

9 Trasportatur

12 Il-pajjiż ta' dispaċċ

13 Il-pajjiż ta' destinazzjoni

11 Dettalji oħra tat-trasport

14 Rappreżentant tat-taxxa

4

15 Post ta' dispaċċ

16 Data ta' tad-dispaċċ

17 Ħin tal-vjaġġ

18a Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19a Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20a Kwantità

21a Piż gross (kg)

22a Piż nett (kg)

18b Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19b Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20b Kwantità

21b Piż gross (kg)

22b Piż nett (kg)

18c Marki u numri, Nru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni ta' l-oġġetti

19c Kodiċi ta' l-oġġett (kodiċi NM)

20c Kwantità

21c Piż gross (kg)

22c Piż nett (kg)

23 Ċertifikati (ċerti imbejjed u spirti, birreriji żgħar u distilleriji żgħar)

A Rekord ta' kontroll. Għall-użu ta' l-awtorità kompetenti

kompli fuq wara (kopji 2, 3 u 4)

24 Kaxxex 1-22 iċċertifikati korretti

Il-kumpanija tal-firmatarju u n-Nru tat-telefon

Isem tal-firmatarju

Post u Data

Firma

Riserva ta' kopja 4

B BIDLA FIL-POST TAL-KUNSINNA

Indirizz ġdid:

L-awtoritajiet imsemmija f'Kaxxa 8 għandhom jiġu informati immedjatament

Isem tal-firmatarju: Firma

Post u data:

C ĊERTIFIKAZZJONI TA' RIĊEVIMENT JEW ESPORTAZZJONI

☐ Oġġetti riċevuti mid-destinatarju

Data ..... Post ..... Nru ta' Referenza .....

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Eċċess	Nuqqas

☐ Kunsinna kkontrollata

☐ Oġġetti esportati (*)/impoġġija taħt proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr għal rilaxx f'ċirkolazzjoni libera) (*) data .....

Mezz ta' trasport .....

☐ Isem tal-firmatarju ..... Post/data .....

Kumpanija tal-firmatarju ..... Firma

☐ Awtorità Fiskali jew Uffiċju tad-Dwana

Isem

Indirizz


Awtorizzazzjoni mill-awtorità fiskali (jekk meħtieġa) jew mill-uffiċju tad-dwana

(*) it-tħassir mhux applikabbli

A Rekord ta' kontroll (kontinwazzjoni)

L-ANNESS II

Timbru Speċjali



1. Stemma araldika jew kwalunkwe sinjali oħra li jikkaratterizzaw l-Istati Membri
2. Kumpatent fiskali ta' l-awtorità
3. Destinatarju
4. Nru u data ta' l-awtorizzazzjoni